MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 111/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur S. Galea)**
**(Spettur D. Theuma)**
**Vs**

**Jason Micallef**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) fit-12 ta' Frar, 2002 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija fin-Naxxar volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAO-773, liema ammont ta' hsara jammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (LM50) izda ma jaccediex il-hames mitt lira**

**Maltin (LM500) ghad-detriment ta' Martin Galdes minn Hal-Qormi, u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2) aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew ipoggi l-hajja ta' haddiehor f'periklu car izda biss bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta' haddiehor, ikkaguna offizi fuq il-persuna ta' Sonia Micallef, Amy Micallef, Anna Cauchi, Abigail Cauchi u Yana Cauchi;**
**3) aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Abigail Cauchi u Amy Micallef skond kif iccertifika t-Tabib Raymond Grixti mic-centru tas-Sahha tal-Mosta;**
**4) aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi waddab oggetti ohra iebsin fid-direzzjoni ta' Sonia Micallef, Amy Micallef, Anna Micallef, Abigail Cauchi u Yana Cauchi.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Mejju, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 28A, 325, 214, 221, 339 u 17 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal disa' xhur piena karcerarja sospizi ghal sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta' Mejju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi, waqt li tikkonferma l-ewwel akkuza, taghti l-attenwenanti tal-provokazzjoni, tirrevokaha dwar it-tieni akkuzi, tirrevokaha dwar it-tielet akkuza w tiddikjara preskritta l-ahhar akkuza w fi kwalunkwe kaz, minflok il-piena nflitta, taghti provvedimenti li aktar jaghmlu ghal kaz u ghal personalita' tal-appellant.

**Fliet l-atti kollha processwali;**
**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe :- 1. li hemm il-preskrizzjoni trimestrali tal-ahhar akkuza; 2. Illi fil-kaz tat-tieni w t-tielet akkuza ma jirrizultax li kien hemm l-intenzjoni ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' haddiehor u minkejja dak li hemm fl-akkuza ma rrizultaw ebda offizi fuq il-**

**persuni ta’ Sonia Micallef, Anna Cauchi u Yana Cauchi w t-tieni akkuza hija ripetuta fit-tielet akkuza; 3. li l-feriti kienu verament minimi w jikkwalifikaw taht feriti hfief u ta’ ftit importanza u li f’ dar-reat kien jonqos l-element intenzjonali ; 4 li l-ewwel Qorti qalet li l-ewwel akkuza ma kienetx rinunzjabbli w hadet biss kont tal-mahfra ghall-fini tal-piena; 5. Illi kien hemm l-attenwanti tal-provokazzjoni u 6. li l-piena ser tittiehed ukoll ghall-fini ta’ proceduri dixxiplinari mill-employer tieghu , il-Gvern u ghalhekk hemm lok li din timbidel f’wahda li aktar taghmel ghall-kaz u ghall-personalita’ tal-appellant;**

**Trattat l-appell ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat ;**

Li l-fatti tal-kaz gew magistralment riassunti mill-Ewwel Qorti fis-sentenza dettaljata taghha w ghalhekk mhux il-kaz li jigu hawn ri-epilogati mill-gdid hlief fejn ikun mehtieg ghal dak li jirrigwarda xi aggravju specifiku tal-appellant ;

**L-ewwel aggravju hu li l-ahhar akkuza u cioe’ dik li waddab oggetti iebsa fid-direzzjoni ta’ Sonia Micallef, Amy Micallef, Anna Micallef, Abigail Cauchi u Yana Cauchi , hija preskritta bil-preskrizzjoni trimestrali. Issa dar-reat hu wiehed ta’ natura kontravvenzjonali kopert bl-artikolu 339 (1) (b) tal-Kap.9 u skond l-artikolu 688 (f) hu preskritt b’eghluq ta’ tlitt xhur. Il-kontravvenzjoni allegatament giet kommessa fit-12 ta’ Frar, 2002 u c-citazzjoni giet prezentata fil-Qorti fit-13 ta’ Marzu, 2002 , entro t-terminu ta’ tlitt xhur. L-appellant deher quddiem l-Ewwel Qorti ghall-ewwel darba fid-29 ta’ Mejju, 2002, wara li kienu ghaddew it-tlitt xhur. Dak in-nhar ma gietx eccepita l-preskrizzjoni w del resto jidher li din l-eccezzjoni tqajjmet biss fil-kors ta’ dan l-appell, ghalkemm ovvjament hija dejjem sollevabbli mill-Qorti *“ex officio”* (art. 694 Kap.9).**

**Issa z-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b' kull att tal-procediment li** jigi notifikat **lill-imputat jew akkuzat. Ghalhekk biex tirmexxi din l-eccezzjoni ma jridx jirrizulta f' dan il-kaz li bejn meta giet prezentata c-citazzjoni fit-13 ta' Marzu, 2002 u t-12 ta' Mejju, 2002 meta ghaddew it-tlitt xhur, l-appellant kien lahaq gie notifikat bic-citazzjoni.**

Illi peress li quddiem l-Ewwel Qorti din il-kwistjoni ma tqajjmitx , qatt ma ntalbet li ssir l-verifika mar-riferta tal-Pulizija tan-notifika tac-citazzjoni . Issa hu veru li l-appellant , ghalkemm xehed, ma ddeponiex dwar meta hu gie notifikat bic-citazzjoni w ma ressaq ebda prova dwar dan. Pero', una volta li tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni , hija l-Prosekuzzjoni li trid tirribattiha bil-prova tan-notifika li normalment issir bl-esebizzjoni tar-riferta relattiva. Dan ma sarx f' dan il-kaz u ghalhekk, ladarba ma giex pruvat li l-appellant kien effettivament gie notifikat bic-citazzjoni sat-12 ta' Mejju, 2002, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tilqa' dan l-aggravju w tiddikjara l-akkuza li tefa' oggetti iebsin lejn il-persuni fuq imsemmija bhala preskritta.

Dwar it-tieni aggravju tal-appellant, jigi fl-ewwel lok osservat illi l-mod li bih giet redatta din l-imputazzjoni jikkreja dubju serju dwar b' hix ezattament kien qed jigi akkuzat l-appellant. Di fatti bil-mod kif tibda' din l-imputazzjoni jidher li qiesu l-intenzjoni tal-prosekuzzjoni kienet li takkuzah b' tentattiv ta' ferita gravi. Izda minnflok tkompli billi tghid li ghalkemm l-imputat kien ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan ir-reat u li dan ma sehhx minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu , tghid li hu kkaguna offizi fuq il-persuna ta' Sonia Micallef, Amy Micallef, Anna Cauchi, Abigail Cauchi w Yana Cauchi. Issa hu ovvju li hu antiguridiku li f'imputazzjoni wahda ikun hemm flimkien l-akkuza ta' tentattiv ta' reat u tal-istess reat kunsmat, ghax wiehed jeskludi lill-iehor. L-Ewwel Qorti ma jidhirx li qieset din l-imputazzjoni bhala wahda ta' tentattiv ta' ferita gravi , tant hu hekk li fis-sentenza appellata f' ebda hin ma ccitat l-artikolu 41 tal-Kap.9.

Jidher invece li l-Ewwel Qorti qieset din it-tieni imputazzjoni bhala wahda ta’ reat kunsmat ta’ offizi fuq il-persuna tal-hames persuni fuq imsemmija. Ghalhekk l-appellant jidher li ghandu ragun meta f’ dan l-aggravju jghid li l-akkuza ma jirrizultax li hi ta’ tentattiv imma li fattwalment gew kawzati dawn il-feriti. Hu gustifikat ukoll l-appellant meta jkompli jghid li ma rrizultaw ebda feriti fuq Sonia Micallef, Anna Cauchi u Yana Cauchi . Ghalhekk fir-rigward ta’ dawn it-tlitt persuni din l-imputazzjoni ta’ offiza fattwali zgur li ma rrizultatx. Umbaghad ghandu ragun ukoll l-appellant meta jghid li l-akkuza li kkaguna l-feriti riportati minn Amy Micallef u Abigail Cauchi hi ripetuta fit-tielet imputazzjoni w hu ovvju li l-appellant ma setax jigi akkuzat bl-istess reat f’ zewg imputazzjonijiet separati . Ghalhekk dan l-aggravju ukoll jidher gustifikat u l-appellant m’ghandux jinstab hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta.

Dwar it-tielet aggravju li jirrigwarda n-natura tal-feriti riportati minn Abigail Cauchi w Amy Micallef skond it-tielet imputazzjoni, jirrizulta li Amy Micallef , apparti l-istat ta’ ansjeta’ w eccitament li kkonstata t-Tabib Dr. Raymond Grixti , hi kellha diversi grif fini f’ wiccha, deskritti bhala “*pinpoint”* . It-tabib iddeskriva dawn il-feriti bhala “*of minor nature save complications*”. (fol. 14 u 21 tal-process). Abigail Cauchi giet certifikata li kienet “*in a state of acute anxiety”* (fol.15)/ *u li “on examination NO superficial injuries were evident. Case is of MINOR nature save complications*” (fol.21).

Illi mill-evidenza medika ghalhekk jidher li, se mai, din l-imputazzjoni tirrizulta biss fil-konfront tat-tifla Amy Micallef li ovvjament kellha lezjonijiet hfief kompatibbli mall-hgieg tar-rear windscreen imfarrak li gie fuqha . Abigail Cauchi kienet qed issofri biss minn ansjeta’ u qata’ rizultat tal-istess incident .

Din il-Qorti pero’ ma taqbilx mall-appellant li fil-feriti riportati minn Amy Cauchi kien jonqos l-element intenzjonali . Hu ovvju li t-tfiegh mill-appellant ta’ barmil mimli materjal mahmug u xi gebla go fih minn gholi ta’

zewg sulari ghal fuq karozza li fiha kien jaf li kien hemm in-nies kien att volontarju maghmul b'intenzjoni generika li jikkaguna hsara lill-persuni li kien hemm fil-car. Illi f' dan il-kaz ma hix mehtiega xi intenzjoni specifika bhal ma hi rikjesta fil-kaz tar-reat ta' omicidju volontarju , imma biss intenzjoni generika. F' dan ir-reat ta' feriti fuq il-persuna, "*dolus indeterminatus determinatur ab exitu*". Ghalhekk hu jrid jirrispondi ghall-hsara attwalment minnu kagjonata u cioe' f' dan il-kaz feriti ta' natura hafifa ta' natura minuri salvi komplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Amy Cauchi biss. F'dan is-sens biss dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Ir-raba' aggravju dwar li l-Ewwel Qorti qieset ir-rinunzja jew mahfra tas-sid tal-vettura dannegjata biss ghall-fini ta' piena , huwa nfondat ghax din l-akkuza mhux wahda rinunzjabbli mill-parti leza w l-mahfra tista' sservi biss in mitigazzjoni tal-piena. Dar-reat ta' danni volontarji fejn l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri l-hames mitt lira imma jkun izjed minn hamsin lira hu kopert bl-artikolu 325 (1) (b) tal-Kodici Kriminali. Illi skond il-proviso ghal dan is-sub-inciz , dar-reat hu prosegwibbli "ex officio" mill-Pulizija u ma jehtiegx il-kwerela tal-parti leza. Ergo l-mahfra jew rinunzja f' kull stadju tal-process ma tostax ghat-tkomplija tal-procediment . Kienet ghalhekk altru milli korretta l-Ewwel Qorti meta qieset dan il-fattur biss ghall-fini ta' piena.

Illi l-hames aggravju tal-appellant hu li kellu jinghata l-attenwant tal-provokazzjoni. Din d-difiza giet sollevata fit-trattazzjoni tal-abbli difensur quddiem l-Ewwel Qorti. Fl-*statement* tieghu lil Pulizija l-appellant kien iddikjara li kien tefa' l-barmil biz-zibel fuq il-karozza b' *"rabja u biex inbezzaghha*" . Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, bidel il-versjoni w, mistoqsi ghaliex kien tefa' l-barmil, wiegeb li "*kont ili nhossni mhedded u bl-istess biza' agixxejt hekk jien."* (Fol.95) . Kien tefghu minn gholi ta' zewg sulari u *"fid-direzzjoni tal-karozza minn fejn beda' gej il-lehen tat-theddid."*

Illi l-Ewwel Qorti ghalhekk fis-sentenza appellata ttrattat l-eccezzjoni li hu ghamel dak li ghamel ghax hassu mhedded u gustament ikkonkludiet li ladarba hu kien sikur

gewwa daru ma kellux ghalfejn ihossu mhedded bil-prezenza taz-zewg nisa (martu w ohtha) barra fit-triq gol-car taghhom . Konsegwentement gustament skartat dil-linja difensjonali tieghu .

Pero' kien jinkombi fuq l-Ewwel Qorti li tqis ukoll il-linja difensjonali tal-provokazzjoni la darba din giet sollevata fit-trattazzjoni orali tad-difensur, kif jidher mit-traskrizzjoni tal-istess (fols. 102 u 103 tal-process). Mill-qari akkurat tas-sentenza appellata jidher li dan ma sarx.

Din il-Qorti ghalhekk sejra tikkonsidra hi stess din il-linja difensjonali tal-provokazzjoni wkoll. Issa irrizulta mill-statement tal-appellant li x' hin kien fuq il-bejt, fejn tela' ghax skondu kien halla l-bieb imbexxaq, sema xebgha kliem hazin li kien jikkonsisti f' dagha bil-Madonna w b' Alla . Wara hafna dagha minn-naha ta' martu w t' ohtha Anna li bdiet sejra : *"ohrog minn hemm ja L….u f 'o … kemm ghandek u se niskarnak "* kliem li gie ripetut diversi drabi , hu iddecieda li ma johrogx barra ghax peress li kien hemm diversi theddid, ma jafx kienux qed jaghmluh apposta biex jipprovokawh . Beza' li jkun hemm hutha s-subien u jaqbzu fuqu. Tefa' l-barmil b'rabja u biex ibezzaghha. Kif gja ntqal aktar il fuq pero', meta xehed ma semma xejn dwar l-element tar-rabja w qal biss li tefa' l-barmil ghax beza' w biex ibezzgha ghax hassu mhedded. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taccetta l-attenwanti tal-provokazzjoni meta mix-xhieda tieghu stess quddiem l-Ewwel Qorti ma johrog b'ebda mod l-element tal-provokazzjoni. Is-sottomissjoni tal-avukat biex tirrizulta - al menu sal-grad tal-probabbli - trid tkun bazata fuq xi forma ta' prova w mhux biss fuq **possibilita**' li wiehed seta' kien provokat. F'dan il-kaz mhux talli hu hekk imma l-istess depozizzjoni tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti teskludi l-element tal-provokazzjoni w ssemmi l-element biss tal-biza' , li l-Ewwel Qorti ma accettatx bhala attenwanti . Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

**Illi ghar-rigward tal-ahhar aggravju dwar il-piena, ghalkemm il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun**

**hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.) , f' dan il-kaz, in vista tal-konkluzzjonijiet raggunti minn din il-Qorti dwar il-htija ghat-tieni, t-tielet u r-raba imputazzjoni , l-piena trid tigi varjata f' kull kaz.**

Apparti dan jidher li l-fedina penali tal-appellant hija ghal kollox nadifa . Jidher ukoll li dan kien incident izolat u li wara dan l-incident id-dissidji matrimonjali gew komposti sa certu punt bil-pubblikazzjoni tal-att ta' separazzjoni relattiv. Inoltre fuq l-ewwel imputazzjoni kien hemm il-mahfra tal-parti leza li zgur ghandha titqies ghall-fini tal-piena. Il-Qorti ghalhekk thoss li f' dan il-kaz provvediment skond il-Kapitolu 446 ma jkunx barra minn loku .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni in kwantu biss li din tirriferi ghall-feriti ta' natura hafifa w ta' ftit importanza fuq il-persuna ta' Amy Micallef, w tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni , tat-tielet imputazzjoni in kwantu din tirriferi biss ghall-feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Abigail Cauchi w tar-raba imputazzjoni - li qed tigi dikjarata preskritta - w in kwantu kkunndannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' disa' xhur sospizi ghal sentejn , u minnflok tillibera lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt snin mil-lum a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------